MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Numru. 382/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J BORG**

**KONTRA**

**LEONARD SCHEMBRI ta’ 47 sena, iben Carmel u Pauline nee’ Psaila, imwieled is-Siggiewi nhar it-2 ta’ Marzu, 1962, residenti fil-fond numru 7, Triq tan-Nofs, Siggiewi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 163062M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra ‘l hawn fuq imsemmi **LEONARD SCHEMBRI** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-2 ta’ Awwissu, 2004 u fil-granet ta’ qabel, fl-ghalqa fl-inhawi maghrufa bhala Ta’ Xkora, fil-limiti Tal-

Bajjada, Siggiewi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ Guzeppi Spiteri, liema ammont huwa ta’ iktar minn Lm50.00 imma inqas minn Lm500.00 skond l-Artikolu 325 Sub 1b tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fi stadju ta’ nterrogatorju Leonard Schembri wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi PS 238 Michael Carter xehed illi certu Guzeppi Spiteri kien irrapurtalu li certu Leonard Schembri kien haraqlu sigra ta’ eucalyptus u ohra tac-cipress li kienet f’ghalqa tieghu (ta’ Spiteri). Minn naha tieghu Schembri (l-imputat) accetta li kien haraq is-sigar imsemmija, dejjem pero bil-kunsens tal-kwerelant Spiteri. Is-Surgent xehed illi l-imputat kien spjegalu li dawn is-sigar kienu qed jaghmlulu hsara fil-wicc tar-raba tieghu. Kien fil-fatt - skond ma qallu l-imputat, agixxa fuq il-permess ta’ Spiteri, liema permess kien skond l-imputat tahulu quddiem certu Hugh Seychell. Dan kollu li fil-fatt gie rapurtat lilu *a tempo vergine*, is-Surgent deponenti nizzlu fir-rapport tieghu ezebit bhala DOK MC (folio 19).

Minn naha tieghu l-kwerelant Guzeppi Spiteri xehed illi ghandu ghalqa 5 – 7 piedi ‘l isfel mill-ghalqa ta’ l-imputat. Qal illi xi gimghat qabel l-incident Nardu (l-imputat) kien mar ikellmu biex il-kwerelant iroddlu lura l-giebja ilma li l-istess Nardu sellfu xi sentejn qabel. Qal illi ta’ dan l-ilma l-imputat talbu Lm100.00, ezebixxa ghalhekk DOK GS (folio 32) bhala prova ta’ tali pagament. Qal illi mbaghad

talbu biex jaqla’ s-sigar tal-frott mizrughin f’ghalqa tal-kwerelant. Qal illi ftit wara, fuq telefonata ta’ gar ta’ l-ghalqa tieghu, sab ic-cipress u l-eucalyptus u sigra tal-frott mahruqin, taht sigra minnhom anke kien hemm *tyre* kbir. Qal li issa s-sigar kienu mietu ghal kollox. Ezebixxa stima tal-hsarat ghall-ammont ta’ Lm440.00 mahruga minghand Zammit Nurseries (DOK GS 1, folio 35).

Innega li kien hu li ta l-permess lil Schembri li jahraq dawn is-sigar, anzi qal illi kien Schembri li ssugerixxa din is-soluzzjoni. Ezebixxa wkoll l-ittra li kien baghtlu qabel l-imputat fir-rigward tal-qlugh tas-sigar (DOK GS 2). Qal illi Schembri hawn kien qieghed jirreferi ghas-sigar kollha li kien hemm taht il-hajt u li kienu jaghtu prodott tal-frott.

Ammetta l-kwerelant li l-imputat anke kien talbu biex jaghmel trinka. Innega li hu ta l-kunsens li jinqerdu s-sigar, stante l-imhabba li kellu lejn il-hdura. Qal illi kien lest li jaqtaghhom u jizraghhom aktar ‘il boghod mill-hajt divizorja. Ftakar li x’hin kellmu Nardu, mieghu kien hemm terza persuna. Xehed ukoll illi wara dak li gara kien qieghed jiskerrah minn Nardu.

Xehed ukoll certu Hugh Seychell – qal li Nardu u sinjur iehor (ghalih injot) bdew jilletikaw fuq xi ilma. Qal li dwar is-sigar, l-iehor lil Nardu qallu ‘Jekk triq ahraqhom jew bixxhom.’ Qal li sema’ lil Leonard jghid li dawn is-sigar kienu qeghdin  jaghmlulu l-hsara.

Emanuel Ciapara xehed li huwa kelllu …..billi xehed li hu kien ra s-sigar f’ghalqa ta’ Spiteri mahruqa b’*tyre* go wahda minnhom.

Gie nominat ukoll il-Perit Valerio Schembri biex jezebixxi stima tal-hsara sofferta minn Spiteri fuq is-sigar tieghu (vide DOK VS).

L-imputat ghazel ukoll illi jixhed minn jheddu. Ammetta bhala fatt illi kien haraq zewg sigar ta’ Spiteri, mhux dawk li kienu jaghtu l-frott – gialadarba c-cipressa u l-eucalyptol kienu b’gheruq taghhom qeghdin jaghmlu hsara lill-prodott ta’ l-ghalqa tieghu. Spjega li dawn is-sigar kienu mizrughin

f'ghalqa ta' Spiteri vicin il-hajt divizorju bejn l-ghelieqi taghhom. Tant kienu vicin skond l-imputat, li l-gheruq taghhom kienu qeghdin jaghmlulu l-hsara f'ghalqa tieghu. Qal fil-fatt li kien talab lil Spiteri kemm-il darba biex inehhiehom, pero dan qatt ma wasal ghal hekk. Qal illi fil-fatt kien l-istess Spiteri li tah il-permess li jahraq l-istess sigar, dan quddiem Hugh Seychell. Qabel ukoll l-imputat illi verament bejnu u bejn Spiteri kien hemm kwistjoni fuq ilma li l-imputat kien ta lil Spiteri, b'intiza ta' kumpens.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza kkontestat mhux il-fatt tal-hruq – anzi dak gie ammess mill-imputat innifsu. Fil-fatt il-linja difenzjonali hija dik illi l-imputat ma kellu ebda ntenzjoni li jaghmel hsara volontarja fuq is-sigar – tant li qal li hu ghamel dak li ghamel biss ghax gie moghti l-kunsens ghal hekk mill-kwerelantm tant li dan kollu (bhala konversazzjoni) gia' kkonfermat mit-terza persuna xhud okulari, u *multo magis* qal b'dan kollu lis-Surgent *a tempo vergine*. Ghalhekk, nonostante l-fatt li sigar inharqu tlieta mhux tnejn - kif qal l-imputat, cioe' c-cipressa u l-eucalyptol, xorta ma giex ippruvat li kellu l-intenzjoni li jaghmel il-hsara, anke volontarja allegata – ghaldaqstant qieghed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------